IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.10.2016
COM(2016) 662 final

2016/0325 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri

{SWD(2016) 331 final}
{SWD(2016) 332 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

B'180 miljun persuna meqjusa bħala "fqar fl-ilma", iż-żona tal-Mediterran hija ġeneralment ikkaratterizzata minn livelli għolja ta' stress idriku. Huwa proprju għalhekk li l-ġestjoni sostenibbli tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fiż-żona hija tant importanti.

It-tibdil fil-klima qiegħed dejjem iżjed jikkawża nuqqasijiet severi tal-ilma fiż-żona, b'impatti kbar fuq l-agrikoltura. Ħafna mill-ilma disponibbli jintuża għall-irrigazzjoni. Dan ifisser li dawn in-nuqqasijiet jirriżultaw fi prodotti tal-uċuħ dejjem jonqsu u irregolari, li jżidu l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali u fuq il-kapaċità tal-provvista ta' ilma nadif u ikel affordabbli għall-abitanti tar-reġjun.

Dan min-naħa tiegħu jkollu effett negattiv fuq in-nutrizzjoni, is-saħħa, l-għajxien, l-istandards tal-għajxien u l-livelli tal-benesseri. Dan l-istress soċjali u ekonomiku huwa kawża ewlenija ta' instabbiltà. Jikkontribwixxi wkoll għall-migrazzjoni, kemm internament, għax ħafna familji bl-irziezet jkollhom jimxu lejn l-ibliet kif ukoll esternament, għax parti mill-popolazzjoni tiġi mġiegħla temigra, b'mod partikolari lejn l-Ewropa.

Il-ġestjoni mhux sostenibbli tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran hija r-riżultat ta' numru ta' fatturi inkluż l-instabbiltà politika, it-tibdil fil-klima u l-popolazzjoni li qed tikber b'mod rapidu. Waħda mir-raġunijiet prinċipali għal dan hija n-nuqqas ta' sett ta' soluzzjonijiet innovattivi komuni li jiġu adattati għar-realtajiet tar-reġjun u li huma faċilment trasferibbli fih. Dawn is-soluzzjonijiet mhumiex qed jingħataw għaliex il-livell globali tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni(R&I) fil-Mediterran mhuwiex proporzjonat mad-daqs tal-isfida reġjonali. Il-livelli ta' investiment ivarjaw ħafna wkoll minn pajjiż għal ieħor. Il-finanzjament mhuwiex ingranat lejn l-indirizzar tal-problema tal-ilma u tal-ikel u l-partijiet interessati rilevanti – pereżempju, is-settur privat – mhux dejjem ikollu kapaċitajiet b'saħħithom biżżejjed tar-R&I. Minbarra dan kollu, l-isforzi tal-kollaborazzjoni fir-R&I bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u l-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran huma wisq frammentati (irregolati l-aktar minn ftehimiet bilaterali) biex ikollhom xi impatt sinifikanti.

F'dan il-kuntest u fir-rigward tal-migrazzjoni, l-inizjattiva tal-Programm Konġunt tal-PRIMA, immexxija mill-Istati Parteċipanti mill-Unjoni u min-Nofsinhar tal-Mediterran[1], hija partikolarment importanti u rilevanti. L-inizjattiva ssegwi l-approċċ tas-Sħubija għall-Migrazzjoni l-ġdida għal kollaborazzjoni finanzjarja msaħħa mal-Istati Membri u ma' sħab oħra. Dan juri kif il-politika ta' riċerka tista' ġġib magħha koordinazzjoni effettiva permezz tal-ingranaġġ tal-baġits nazzjonali u ta' tqarrib tal-pajjiżi tal-Mediterran biex jindirizzaw il-problemi komuni fit-tul.

---

1 Il-Programm Konġunt tal-PRIMA jinvolvi 19-il pajjiż:
- 11-il Stat Membru: il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja;
- 8 pajjiżi terzi: l-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija.
Minn dawn, 14-il pajjiż (Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Eġittu, Franza, il-Greċja, Iżrael, l-Italja, il-Libanu, il-Lussemburgu, Malta, il-Marokk, il-Portugall, Spanja u t-Tuneżija) qablu li b'mod konġunt iwettqu l-inizjattiva tal-PRIMA.

L-objettiv strateġiku tal-programm huwa li jiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi komuni għall-provvista tal-ilma u għas-sistemi tal-ikel li r-reġjun tal-Mediterran jeħtieġ b'mod urġenti. L-ilħuq ta' dan l-objettiv strateġiku se jagħmel il-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel aktar effiċjenti, kosteffikaċi u sostenibbli. B'dan il-mod ir-R&I jistgħu jgħinu biex jissolvew problemi akbar fir-rigward tan-nutrizzjoni, is-saħħa u l-benesseri soċjali, u finalment jgħinu biex jiġu indirizzati x-xejriet tal-migrazzjoni tal-massa. Il-politiki tar-R&I jistgħu għalhekk jiġu ingranati sal-massimu biex jindirizzaw l-isfida tal-migrazzjoni, f'konformità mal-*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni*, (COM(2016)385).

- **L-isfond istituzzjonali**

Il-proċess li wassal għall-Programm Konġunt tal-PRIMA beda bil-Konferenza Ewro-Mediterranja dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni f'Barċellona fl-2012. L-għan huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja fir-R&I bħala parti mill-objettivi usa' tal-politika esterna tal-Unjoni fir-rigward tal-Viċinat tan-Nofsinhar.

Bosta Presidenzi tal-Kunsill enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi stabbilita sħubija reġjonali biex tittratta l-isfidi komuni ewlenin, inkluż id-disponibbiltà u l-ġestjoni tal-ilma, l-innovazzjoni u l-koordinazzjoni istituzzjonali. L-idea wara sħubija reġjonali hija li ssir ħidma fuq il-bażi ta' sjieda konġunta, interess reċiproku u benefiċċju komuni f'qafas strutturat dejjiemi.

Il-Kunsill Kompetittività tal-5 ta' Diċembru 2014 stieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm Konġunt tal-PRIMA abbażi tal-Artikolu 185 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) tkunx iġġustifikata mill-ambitu tal-objettivi u mil-livell tar-riżorsi meħtieġa. Fil-Konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill approva b'mod partikolari l-fokus tal-programm fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet integrati, innovattivi għall-ġestjoni sostenibbli tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran. Il-Kunsill qies din bħala prijorità, sabiex itejjeb is-saħħa, il-benesseri u l-kundizzjonijiet soċjokulturali tal-popolazzjonijiet taż-żona tal-Mediterran u jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku.

Konsegwentement, f'Diċembru 2014 l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi taż-żona tal-Mediterran ippreżentaw proposta lill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fil-Programm Konġunt tal-PRIMA.

Fuq il-bażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività u wara l-preżentazzjoni formali tal-proposta, il-Kummissarju għar-Riċerka, ix-Xjenza u l-Innovazzjoni, Carlos Moedas, talab lis-servizzi tal-Kummissjoni jħejju valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet ta' politika disponibbli, inkluża inizjattiva bbażata fuq il-bażi ġuridika tal-Artikolu 185 tat-TFUE.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Programm Konġunt tal-PRIMA jaqbel mal-kuntest istituzzjonali li, fl-ogħla livell politiku, enfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran fl-oqsma ewlenin tar-riżorsi tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel u oqsma relatati.

Il-PRIMA tankra l-isfidi reġjonali ewlenin tar-R&I f'objettivi soċjoekonomiċi u ġeopolitiċi usa'. Hija maħsuba biex tikkomplementa azzjonijiet istituzzjonali rilevanti riċenti fil-politiki tal-Unjoni għajr dawk dwar ir-R&I. Dawn huma elenkati hawn taħt.

a) Diplomazija fil-qasam tal-ilma (Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-22 ta' Lulju 2013)

L-effetti tat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp demografiku u ekonomiku, flimkien mal-istress fuq il-kwalità, id-disponibbiltà u l-ġestjoni tal-ilma huma sfidi ewlenin għas-sigurtà li aktarx iwasslu għal tensjoni u kunflitti dwar l-aċċess għall-ilma. F'dan il-kuntest, l-Unjoni għandha rwol importanti fl-appoġġ tad-diplomazija fil-qasam tal-ilma madwar id-dinja u f'ilmijiet transfruntieri fl-Ewropa – inkluż bil-promozzjoni ta' inizjattivi dwar l-ilma ma' pajjiżi fil-viċinat tal-UE u pajjiżi oħra identifikati fl-eżerċizzju tal-UE tal-immappjar tas-sigurtà tal-ilma.

b) Reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) (Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-14 ta' Diċembru 2015)

Il-Kunsill laqa' r-Reviżjoni tal-PEV bħala prijorità politika ewlenija għall-Unjoni fis-snin li ġejjin. Dan jinkludi r-rwol kruċjali tar-R&I għall-iżvilupp soċjoekonomiku fil-viċinat u jgħin lill-pajjiżi tal-viċinat jimmodernizzaw u jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom billi jiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom f'inizjattivi tal-UE.

c) Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tas-26 ta' Mejju 2015)

Qed issir referenza għall-impenn tal-Orizzont 2020 li jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli, kemm fl-Unjoni kif ukoll ma' sħab internazzjonali, kif ukoll għall-ħtieġa li titrawwem ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni bħala parti mill-approċċ globali ta' wara l-2015 biex jinqered il-faqar u jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli.

d) Migrazzjoni (Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-12 ta' Ottubru 2015 u s-17-18 ta' Marzu 2016)

Dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jirrikonoxxu li l-kriżi tal-migrazzjoni fil-viċinat tal-UE u lil hinn hija ggravata mill-faqar, mill-iżvilupp soċjoekonomiku fqir u mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u jitolbu għal politika tal-UE b'saħħitha dwar il-migrazzjoni esterna u l-ażil. Il-Kunsill ġedded ukoll l-impenn tiegħu li jimmobilizza l-istrumenti u l-politiki kollha biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-flussi migratorji, prinċipalment il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi fqar u t-tibdil fil-klima.

e) Diplomazija Ewropea dwar il-klima wara l-COP21 (Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-15 ta' Frar 2016)

Fil-kuntest globali tad-diplomazija dwar il-klima, il-Kunsill jirreferi għall-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għad-diplomazija dwar il-klima, inklużi miżuri ta' sforzi li jiffokaw fuq in-*nexus* tat-tibdil fil-klima, ir-riżorsi naturali (inkluż l-ilma), il-prosperità, l-istabbiltà u l-migrazzjoni.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-objettivi huma konformi mad-definizzjoni tal-problema u jkopru l-isfidi relatati tar-R&I, biex jiżguraw l-interazzjoni mal-politiki Ewropej, Mediterranji u globali. B'mod partikolari, il-PRIMA hija konsistenti mal-*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni*, (COM(2016)385). Din tiffoka fuq l-indirizzar tal-għeruq tal-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat permezz tal-"politiki kollha tal-UE, inkluża l-edukazzjoni, ir-riċerka, il-bidla fil-klima, l-enerġija, l-ambjent, l-agrikoltura". Tippromwovi wkoll mudelli ġodda ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li jinvolvu s-settur privat, mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi u investimenti fl-SMEs u f'infrastrutturi sostenibbli.

L-Orizzont 2020 diġà identifika "Azzjoni klimatika, ambjent, effiċjenza tar-riżorsi u l-materja prima" u "Sigurtà tal-ikel, agrikoltura u foresterija sostenibbli, riċerka tal-baħar, marittima u tal-ilmijiet interni, u l-bijoekonomija" bħala tnejn mill-isfidi tas-soċjetà ta' prijorità li jridu jiġu indirizzati bl-appoġġ għall-investimenti fir-R&I. Tirrikonoxxi wkoll li l-attivitajiet tar-R&I mmirati biex jindirizzaw dawn l-isfidi għandhom jitwettqu fil-livell tal-UE u lil hinn, minħabba n-natura transnazzjonali u globali tal-klima u l-ambjent, l-iskala u l-kumplessità tagħhom u l-aspett internazzjonali tal-katina tal-provvista tal-ikel u agrikola.

L-objettivi tar-R&I relatati mal-provvista tal-ilma u mas-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran jidhru li huma konsistenti ma' u rilevanti għal dawn l-inizjattivi li ġejjin.

- L-Aġenda għall-Iżvilupp Wara l-2015 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

- Il-Proċess ta' Barċellona mniedi f'Novembru 1995 fuq l-inizjattiva tal-Ministri Barranin Ewro-Mediterranji u l-Komunikazzjoni relatata *Il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran* (COM(2008)319), li stabbiliet sħubija multilaterali, li tiffoka fuq proġetti reġjonali u transnazzjonali.

- Il-Komunikazzjoni *Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: Approċċ strateġiku* (COM(2012)497), li tistabbilixxi fokus fuq it-trawwim tal-integrazzjoni fi – jew f'konformità ma' – iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) għall-viċinat.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

### • Il-bażi ġuridika

Il-proposta għall-Programm tal-PRIMA hija bbażata fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE. Dan l-istrument jippermetti lill-UE, fl-implimentazzjoni tal-programm qafas pluriennali, li tagħmel dispożizzjoni għall-parteċipazzjoni fi programmi tar-riċerka u l-iżvilupp imħaddma minn bosta Stati Membri, bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, inkluża parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għat-twettiq ta' dawk il-programmi.

### • Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-PRIMA huwa programm konġunt ibbażat fuq u magħmul minn programmi nazzjonali mħaddma u attivitajiet imwettqa mill-Istati Membri parteċipanti u l-Pajjiżi Assoċjati, bl-appoġġ u l-parteċipazzjoni tal-UE.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Orizzont 2020 tagħmel dispożizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-UE fil-PRIMA skont l-Artikolu 185 tat-TFUE. Huwa l-istrument xieraq għall-UE biex tappoġġja l-inizjattiva għaliex jippermetti kemm il-koordinazzjoni tal-programmi ta' riċerka nazzjonali kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-UE fil-programm konġunt.

Il-programmi nazzjonali, bilaterali u transnazzjonali li ntużaw sa issa biex itejbu r-R&I fil-provvista tal-ilma u fis-sistemi tal-ikel ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw kwistjonijiet transkonfinali u jattiraw investimenti pubbliċi u privati.

Barra minn dan, l-isfidi tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fiż-żona Mediterranja huma kumplessi, interrelatati, transnazzjonali u multisettorjali. Dawn jeħtieġu riċerka transdixxiplinarja u soluzzjonijiet integrati li jinkludu l-innovazzjoni. Fatturi oħra, bħall-imġiba soċjali ta' komunitajiet rurali, ir-restrizzjonijiet ekonomiċi, jew l-istabbiltà tal-oqfsa

legali u istituzzjonali, jistgħu jwasslu wkoll għall-adozzjoni tal-miżuri l-aktar xierqa. Pajjiż wieħed waħdu jkun diffiċli għalih li jlaħħaq ma' din il-kumplessità.

L-esperjenza ta' inizjattivi simili tal-Artikolu 185 turi li azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tipproduċi programm integrat u kkoordinat tajjeb billi:

a) Tikseb l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa u jkollha l-massa kritika ta' riżorsi
b) Tistimola l-effetti ta' ingranaġġ u jkollha impatti fuq il-politiki esterni tal-UE u l-implikazzjonijiet tagħhom u għall-migrazzjoni
c) Tikkontribwixxi għal kooperazzjoni globali u għall-Viċinat Ewropew tan-Nofsinhar

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-PRIMA se sseħħ fil-limiti tal-kompetenza prevista skont it-TFUE u se tiffaċilita u tappoġġja biss, inkluż finanzjarjament, it-twettiq tal-objettivi tal-PRIMA mill-istati parteċipanti. L-istati parteċipanti se jkollhom jaħdmu flimkien biex jikkoordinaw, jallinjaw u jintegraw aħjar il-programmi jew l-attivitajiet nazzjonali rilevanti, u finalment jiżviluppaw aġenda strateġika tar-riċerka komuni fit-tul.

Jekk jogħġbok irreferi wkoll għar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, it-taqsima 6.5.

- **L-għażla tal-istrument**

Il-konklużjonijiet tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati u tal-analiżi u t-tqabbil tal-alternattivi fil-valutazzjoni tal-impatt urew li l-Artikolu 185 tat-TFUE huwa l-aktar mod xieraq biex jintlaħqu l-objettivi tal-PRIMA. L-Artikolu 185 tat-TFUE huwa wkoll l-għażla tal-Istati parteċipanti.

L-inizjattiva tal-Artikolu 185 tat-TFUE hija l-aktar mod ta' intervent effiċjenti u effettiv biex jinkisbu l-objettivi strateġiċi u speċifiċi tal-PRIMA. L-inizjattiva tal-Artikolu 185 tat-TFUE aktarx li jkollha l-ogħla effett globali ta' ingranaġġ meta mqabbla ma' strumenti oħra b'mod stabbli, fit-tul u integrat.

L-inizjattiva tal-Artikolu 185 tat-TFUE tkompli tippermetti l-iżvilupp ta' relazzjoni aktar ugwali mal-pajjiżi tal-viċinat. L-Unjoni u l-pajjiżi kkonċernati se jiddeterminaw flimkien il-prijoritajiet reċiproċi tagħhom, billi jidħlu f'fażi ġdida ta' kooperazzjoni, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Ġew organizzati żewġ attivitajiet ta' konsultazzjoni prinċipali bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt tal-PRIMA:

- konsultazzjoni pubblika online għal 12-il ġimgħa, mill-1 ta' Frar sal-24 ta' April 2016;
- avveniment għall-partijiet interessati li sar f'Malta fis-17 ta' Marzu 2016.

Partijiet interessati differenti Ewropej u min-Nofsinhar tal-Mediterran mir-riċerka, l-akkademja, l-industrija u s-soċjetà ċivili taw l-opinjonijiet tagħhom. It-tħejjija tal-proposta qieset bis-sħiħ il-ħafna kontribuzzjonijiet u inputs li rċeviet.

Il-partijiet interessati kkonsultati kienu fil-biċċa l-kbira favur għażla tal-Artikolu 185.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Grupp ta' esperti esterni (il-Grupp ta' Esperti tal-PRIMA) mill-Istati Membri Mediterranji u mhux Mediterranji u minn pajjiżi terzi, ġie stabbilit biex jappoġġja l-eżerċizzju tal-valutazzjoni tal-impatt. Is-sejbiet tal-Grupp ġew imqabbla ma' sejbiet minn sorsi oħra (pereżempju reviżjoni tal-letteratura mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika online) u meqjusa fil-valutazzjoni tal-impatt.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Ġew identifikati għażliet ta' politika possibbli differenti matul il-valutazzjoni tal-impatt, li jvarjaw f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, il-kopertura ġeografika u t-tip ta' strument użat. Dawn l-għażliet kollha ġew skrinjati bl-użu tal-Għodda #14 tal-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar. Fuq dik il-bażi, inżammu l-għażliet ta' politika li ġejjin.

- L-għażla 0: L-ebda tibdil fil-politika - Xenarju bażi - L-Orizzont 2020 se jkompli jipprovdi appoġġ għal kwistjonijiet dwar l-ilma u l-ikel b'mod ġenerali u fuq bażi *ad hoc*. Aktarx li mhux ser jitniedu inizjattivi speċifiċi mmirati lejn l-integrazzjoni tas-sistemi tar-R&I Mediterranji. L-azzjonijiet individwali tipikament idumu tlieta sa erba' snin, b'impatt limitat.
- L-għażla 1: Azzjoni tal-ERA-NET Cofund – L-attività prinċipali taħt l-Orizzont 2020 hija l-implimentazzjoni ta' sejħa konġunta għal proposti unika kkofinanzjata għal kull azzjoni, li tirriżulta fil-finanzjament ta' riċerka transnazzjonali u/jew proġetti ta' innovazzjoni. L-azzjonijiet individwali tipikament idumu ħames snin. Din l-għażla tkun tikkonsisti f'sensiela ta' azzjonijiet tal-ERA-NET Cofund, limitati għall-bqija tal-Orizzont 2020. Ma tkunx tippermetti l-indirizzar b'mod sostanzjali tad-dimensjoni tal-innovazzjoni, għaliex il-programmi nazzjonali li jikkollaboraw u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom jiffokaw l-aktar fuq l-attivitajiet ta' riċerka tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika. L-Għażla 1 mhix mistennija li tintegra l-programmi ta' finanzjament nazzjonali f'aġenda strateġika ta' riċerka komuni.
- L-għażla 2: Il-Programm Konġunt tal-PRIMA bbażat fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE – Dan jippermetti lill-UE tagħmel dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi ta' riċerka u żvilupp imħaddma minn bosta Stati Membri, inkluża l-parteċipazzjoni tagħha fl-istrutturi maħluqa għall-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi. L-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Programm Qafas Orizzont 2020 jispeċifika l-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-identifikazzjoni u l-proposta ta' inizjattiva skont l-Artikolu 185 tat-TFUE.

Fost kriterji oħra, il-Kummissjoni tista' tipproponi biss inizjattivi tal-Artikolu 185 jekk ikun hemm il-ħtieġa għal struttura speċifika ta' implimentazzjoni u l-Istati parteċipanti jkunu esprimew livell għoli ta' impenn għal integrazzjoni aktar mill-qrib fuq livell xjentifiku, ta' ġestjoni u finanzjarju. Din l-għażla tinvolvi t-tfassil ta' aġenda strateġika ta' riċerka komprensiva u l-implimentazzjoni sħiħa tagħha permezz ta' sejħiet għal proposti transnazzjonali multipli, imwettqa minn bosta Stati Parteċipanti u implimentata permezz ta' struttura speċifika ta' implimentazzjoni (minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala korp tal-finanzjament tad-DIS). Dan huwa tipikament impenn fit-tul (għaxar snin). L-Unjoni tipprovdi

appoġġ finanzjarju billi tqabbel l-investimenti nazzjonali. Din l-għażla hija l-aħjar waħda biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi u ġenerali u jiġu implimentati numru ta' piloti u dimostraturi f'oqsma strateġikament importanti relatati mal-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel. Din tqis bis-sħiħ it-tagħlimiet kollha miksuba – fir-rigward tal-ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, il-kisba ta' impatti, eċċ. – mill-implimentazzjoni ta' inizjattivi tal-Artikolu 185 li saru u li għadhom għaddejjin. Hija mfassla wkoll biex tiżgura ġestjoni finanzjarja soda u tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' kontrolli *ex-ante* adegwati, rapportar finanzjarju u verifika *ex-post.*

Billi jitqiesu l-impatti probabbli tagħhom, dawn l-għażliet ġew imqabbla ma' xulxin bl-użu ta' xenarju bażi bħala l-punt ta' referenza u bl-applikazzjoni tal-kriterji li ġejjin.

- effikaċja: l-għażliet proposti għandhom itejbu l-qafas tar-R&I fiż-żona tal-Mediterran fl-oqsma tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel.
- effiċjenza: l-għażliet proposti għandhom jiksbu l-impatti bl-akbar proporzjon bejn il-kostijiet u l-benefiċċji.
- konsistenza ma' politiki oħrajn: l-għażliet proposti għandhom ikunu konsistenti ma' politiki u programmi oħra tal-UE u nazzjonali tar-R&I u ma' politiki ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni internazzjonali.

L-inizjattivi tal-Artikolu 185 tat-TFUE preċedenti u li għadhom għaddejjin juru li din l-inizjattiva aktarx li jkollha effett ta' ingranaġġ għoli fuq il-fondi pubbliċi nazzjonali b'mod stabbli, fit-tul u integrat, li jgħin biex:

- jitwassal l-effett ta' strutturar mixtieq fuq il-politiki u l-programmi nazzjonali tar-R&I u biex jiġu integrati;
- jippermetti l-formulazzjoni ta' aġendi strateġiċi ta' riċerka komuni, stabbli u fit-tul bl-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni adegwati tal-azzjonijiet;
- jappoġġja l-allinjament ta' programmi nazzjonali tar-R&I;
- jippermetti l-involviment ta' pajjiżi sħab fuq l-istess livell;
- jippermetti l-involviment strutturali ta' tipi differenti ta' partijiet interessati, kemm pubbliċi kif ukoll privati, li jġibu flimkien u jużaw l-għarfien u r-riżorsi finanzjarji rispettivi tagħhom;
- isaħħaħ il-kapaċitajiet tar-R&I b'mod dejjiemi.

• **Drittijiet fundamentali**

L-inizjattiva hija konsistenti mal-Artikolu 37 dwar il-Protezzjoni ambjentali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: "Livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib fil-kwalità tal-ambjent għandhom jiġu integrati fil-politika tal-Unjoni u għandhom jiġu żgurati skont il-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli".

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li takkompanja din id-deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi. Il-kontribuzzjoni tal-UE għandha tkun sa EUR 200 miljun inkluża l-kontribuzzjoni tal-EFTA. Il-prezzijiet tal-pakkett huma dawkattwali. Il-

kontribuzzjoni tal-UE għandha tkun magħmula bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

- Mid-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali:
  - Sfida tas-Soċjetà 2 "Riċerka u innovazzjoni relatati mal-agrikoltura – Assigurazzjoni ta' biżżejjed provvisti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja".
- Mid-DĠ R&I:
  - Sfida tas-Soċjetà 2 "Sigurtà tal-Ikel, Agrikoltura u Foresterija Sostenibbli, Riċerka tal-Baħar, Marittima u tal-Ilmijiet Interni, u l-Bijoekonomija";
  - Sfida tas-Soċjetà 5 "Azzjoni Klimatika, Ambjent, Effiċjenza tar-Riżorsi u Materja Prima";
  - Tmexxija industrijali.

L-ammont massimu tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-kostijiet amministrattivi huwa sa 5%. Dan jikkorrispondi għal EUR 10 miljuni.

Il-kontribuzzjoni tal-UE se tiġi ġestita mill-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-Prima PRIMA-IS (ġestjoni indiretta tal-fondi tal-UE). Qabel id-delega tal-ġestjoni u tat-trasferiment tal-fondi, il-PRIMA-IS se tkun soġġetta għal valutazzjoni *ex-ante* skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju, sabiex tiġi vvalutata l-kapaċità tagħha li timplimenta l-programm, inkluż li tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-UE.

Id-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni u tal-ftehim ta' delega li jrid jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni jiżguraw li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE. Ir-riskju tan-nuqqas ta' rkupru huwa kopert mill-garanziji finanzjarji li l-Istati Parteċipanti se jkollhom jipprovdu fi żmien xieraq u l-aktar tard qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' delega.

L-Istati Parteċipanti u l-UE jagħmlu impenji bil-quddiem biex jikkontribwixxu għall-PRIMA. L-impenn tal-UE ta' EUR 200 miljun mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali se jintuża prinċipalment biex jiffinanzja l-azzjonijiet indiretti li jirriżultaw minn sejħiet imnedija mill-PRIMA-IS. Dan se jkopri sensiela ta' seba' Pjanijiet ta' Ħidma Annwali (2018 – 2024), bl-aħħar impenn mill-Kummissjoni li se jsir fl-2020 u li se jintuża għall-finanzjament ta' proġetti li jirriżultaw mis-sejħiet fis-snin 2020 – 2024. L-Istati Parteċipanti se jiddeskrivu fil-Pjan ta' Ħidma Annwali l-attivitajiet tagħhom iffinanzjati minn programmi nazzjonali u mill-baġits rispettivi allokati għal dawn l-attivitajiet. L-Istati Parteċipanti kienu diġà ġew mgħarrfa bil-bżonn li jipprovdu impenji sostanzjali fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-programm u biex jiffinanzjaw l-inizjattiva minn qabel biex jinħoloq bilanċ mal-pagament bil-quddiem li sar mill-baġit tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjoni tal-UE għal kull Pjan ta' Ħidma Annwali mhux se teċċedi l-impenn tal-Istati Parteċipanti għalih. Dan jiżgura li mill-inqas ikun hemm bilanċ b'kontribuzzjonijiet li jaqblu ta' finanzjament tal-UE u tal-Istati Parteċipanti. Dan jippermetti mekkaniżmu li jnaqqas l-impenn tal-UE jekk l-Istati Parteċipanti jonqsu milli jimpenjaw kif mistenni.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-impenji tal-Istati Parteċipanti mwettqa permezz tal-ewwel żewġ pjani ta' ħidma annwali ġiet prevista fil-proposta leġiżlattiva bħala kundizzjoni għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE. Wara din l-evalwazzjoni, il-kontribuzzjoni massima tal-UE tista' tiġi riveduta skont is-salvagwardji applikabbli rigward it-terminazzjoni, it-tnaqqis jew is-sospensjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE, li

jistabbilixxu li "*Jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-PRIMA l-Kummissjoni tista' tittermina, proporzjonalment tnaqqas jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, billi tqis l-ammont ta' finanzjament allokat mill-Istati Parteċipanti għall-implimentazzjoni tal-PRIMA.*"

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' Ħidma Annwali, arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Pjanijiet ta' Ħidma Annwali (AWP) tal-PRIMA se jiżguraw il-konsistenza u l-koordinazzjoni bejn l-attivitajiet kollha u l-orjentazzjoni tagħhom lejn l-ilħuq tal-objettivi operattivi, speċifiċi u ġenerali tal-PRIMA. L-AWP, li huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni se jinkludi:

- Sejħiet għal proposti transnazzjonali li għandhom jiġu ffinanzjati mill-PRIMA-IS bil-kontribuzzjoni tal-UE, skont ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni tal-Orizzont 2020;

- Attivitajiet iffinanzjati biss mill-Istati Parteċipanti, u jgħoddu għat-tqabbil mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni taħt ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, dawn l-attivitajiet se jiġu inklużi fl-AWP wara evalwazzjoni esterna pożittiva minn evalwazzjoni internazzjonali bejn il-pari fir-rigward tal-objettivi tal-Programm Konġunt tal-PRIMA. Dawn se jiġu implimentati f'konformità ma' prinċipji komuni, li għandhom jiġu miftiehma mill-Istati Parteċipanti u l-Kummissjoni. Dawn l-attivitajiet se jinkludu sejħiet bejn il-programmi tal-Istati Parteċipanti għal proġetti transnazzjonali, organizzati mill-PRIMA-IS (inklużi evalwazzjonijiet tal-proposti). L-attivitajiet għandhom dejjem aktar jindirizzaw ukoll il-Livelli ta' Tlestija Teknoloġika ogħla hekk kif definiti fl-Anness Ġenerali tal-Programmi ta' Ħidma ta' Orizzont 2020[2]

Ir-rappurtar annwali tal-PRIMA-IS se jkopri ż-żewġ aspetti. Dan jippermetti monitoraġġ mill-qrib mis-servizzi tal-Kummissjoni u jiffaċilita t-teħid ta' miżuri korrettivi, jekk meħtieġ, b'mod partikolari bit-tnaqqis tal-impenji tal-UE għal Pjanijiet ta' Ħidma Annwali individwali jekk l-implimentazzjoni tal-attivitajiet mill-Istati Parteċipanti ma żżommx il-livell meħtieġ ta' impenn biex taqbel ma' dak tal-UE.

Id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni adotta arranġamenti ta' superviżjoni standard għall-inizjattivi tal-Artikolu 185 tat-TFUE. Dawn l-arranġamenti se japplikaw ukoll għall-Programm Konġunt tal-PRIMA. L-effikaċja tagħhom għandha tiġi evalwata kemm fil-livell tal-programm (bil-fokus fuq jekk l-objettivi globali ntlaħqux) kif ukoll fuq livell nazzjonali (bil-fokus fuq l-għanijiet ta' pajjiżi individwali).

Ir-responsabbiltajiet tas-servizzi tal-Kummissjoni u dawk tal-PRIMA-IS u tal-Istati Parteċipanti fir-rigward tal-monitoraġġ u l-mekkaniżmi tal-verifika huma differenzjati b'mod ċar fl-att bażiku. Se jiġu żviluppati aktar fil-ftehim ta' delega bejn il-Kummissjoni u l-PRIMA-IS.

Hija prevista evalwazzjoni indipendenti interim kif ukoll finali.

Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li l-azzjonijiet kollha meħuda u appoġġjati bħala parti mill-inizjattiva jirrispettaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2016)4614 tal-25 ta' Lulju 2016

- **Derogi mir-Regoli għall-Parteċipazzjoni ta’ Orizzont 2020**

L-inizjattiva tal-PRIMA bbażata fuq l-Artikolu 185 fil-fatt teħtieġ derogi limitati biss mir-Regoli għall-Parteċipazzjoni ta’ Orizzont 2020. Biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ewlenija bbilanċjata f’azzjonijiet indiretti f’konfigurazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, bħala deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, in-numru minimu ta’ parteċipanti għandu jkun tliet entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi tliet Stati Parteċipanti differenti, b’wieħed minnhom ikun stabbilit fi Stat Membru jew f’pajjiż assoċjat mal-Orizzont 2020 u wieħed f’pajjiż terz, assoċjat jew le mal-Orizzont 2020. Id-Deroga mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 hija meħtieġa biex tiżgura li l-kundizzjonijiet minimi ta’ eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni f’azzjonijiet indiretti b’kundizzjoni minima tal-parteċipazzjoni ta’ entità ġuridika waħda ma jkunux diskriminatorji għall-entitajiet stabbiliti f’pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-PRIMA bħala Stati Parteċipanti. Din tkun tapplika biss fil-każ eċċezzjonali meta s-sejħiet għall-proposti fil-pjan ta' ħidma annwali jkunu jinkludu azzjonijiet monobenefiċjarji, u soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Id-Derogi mill-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 huma meħtieġa biex titwessa’ l-kooperazzjoni permezz ta’ sejħiet konġunti mnedija mill-Istruttura ta’ Implimentazzjoni tal-PRIMA ma’ entitajiet ġuridiċi għajr pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

2016/0325 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" il-Kummissjoni saħqet dwar il-bżonn li jiġu żviluppati kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment fl-għarfien u fl-innovazzjoni biex fl-Unjoni jinħoloq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill approvaw dik l-istrateġija.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] stabbilixxa Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ("Orizzont 2020"). L-Orizzont 2020 għandu l-għan li jikseb impatt akbar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi programmi mwettqa minn bosta Stati Membri.

(3) Is-sħubiji pubbliċi-pubbliċi għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw sinerġiji aktar mill-qrib, iżidu l-koordinazzjoni u jevitaw id-duplikazzjoni mhux meħtieġa mal-programmi ta' riċerka internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u dawk tal-Unjoni, u għandhom josservaw għalkollox il-prinċipji ġenerali ta' Orizzont 2020, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw attitudni miftuħa u t-trasparenza.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 identifika "
Azzjoni klimatika, ambjent, effiċjenza tar-riżorsi u l-materja prima" u "Sigurtà tal-ikel, agrikoltura u foresterija sostenibbli, riċerka tal-baħar, marittima u tal-ilmijiet interni, u l-bijoekonomija" bħala tnejn mill-isfidi tas-soċjetà ta' prijorità li jridu jiġu indirizzati bl-appoġġ għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 jirrikonoxxi li l-attivitajiet tar-riċerka u l-

[3] ĠU C ... [opinjoni tal-KES]

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

innovazzjoni għal dawn l-isfidi għandhom jitwettqu fil-livell tal-Unjoni u lil hinn, minħabba n-natura transnazzjonali u globali tal-klima u l-ambjent, l-iskala u l-kumplessità tagħhom, u d-dimensjoni internazzjonali tal-katina alimentari u tal-provvista agrikola.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi hija meħtieġa biex tindirizza sfidi komuni b'mod effettiv. Il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u fl-innovazzjoni hija aspett ewlieni tal-impenji globali tal-Unjoni u għandha rwol importanti x'taqdi fis-sħubija tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-viċinat. Din il-kooperazzjoni ssegwi l-approċċ meħud fil-politika Ewropea tal-viċinat biex tiddifferenzja l-livell ta' kooperazzjoni ma' kull pajjiż fil-viċinat abbażi tal-impenn tagħhom lejn l-Unjoni.

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li tistieden il-politiki kollha, inkluż dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni permezz ta' mudell ġdid ta' kooperazzjoni li jinvolvi lill-investituri privati, l-ingranaġġ ta' riżorsi tal-baġit limitati, u li jiffoka fuq l-SMEs u l-infrastruttura sostenibbli.

(7) Fit-23 ta' Diċembru 2014, grupp ta' 19-il pajjiż miż-Żona Mediterranja ppreżentaw lill-Kummissjoni bi proposta għal inizjattiva ta' Programm Konġunt "Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran" (PRIMA). Fost dawn il-pajjiżi, 14-il pajjiż qablu li b'mod konġunt iwettqu l-inizjattiva PRIMA billi jimpenjaw kontribuzzjonijiet finanzjarji: Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall u Spanja, Stati Membri tal-Unjoni; Iżrael u t-Tuneżija, pajjiżi terzi assoċjati mal-Orizzont 2020; l-Eġittu, il-Libanu u l-Marokk, pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Orizzont 2020.

(8) Il-PRIMA għandha l-għan li timplimenta programm konġunt għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u integrati għal titjib fl-effiċjenza, is-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel u l-provvista tal-ilma fiż-żona Mediterranja. Il-PRIMA għandha tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli maqbula reċentement u għall-Istrateġija Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli li ġejja.

(9) Biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni fil-PRIMA tal-pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Orizzont 2020 , jiġifieri l-Eġittu, il-Libanu u l-Marokk, il-ftehimiet internazzjonali bejn l-Unjoni u dawn il-pajjiżi terzi għandhom ikunu meħtieġa sabiex ir-reġim legali stabbilit minn din id-Deċiżjoni jiġi estiż għalihom ukoll.

(10) F'konformità mal-objettivi tal-Orizzont 2020, kwalunkwe Stat Membru ieħor u pajjiż terz assoċjat mal-Orizzont 2020 għandu jkun intitolat jipparteċipa fil-PRIMA jekk jimpenja ruħu li jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-PRIMA.

(11) Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi tal-PRIMA, il-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor mhux assoċjat mal-Orizzont 2020, b'mod partikolari l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, għandha tkun possibbli jekk il-pajjiż terz jimpenja ruħu li jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-PRIMA u jekk il-PRIMA-IS tapprova l-parteċipazzjoni tiegħu. Il-parteċipazzjoni tiegħu għandha tkun prevista wkoll mill-ftehim internazzjonali rilevanti bejn dan il-pajjiż terz u l-Unjoni.

(12) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konġunta tal-PRIMA, għandha tiġi stabbilita struttura ta' implimentazzjoni ("PRIMA-IS"). Il-PRIMA-IS għandha tkun ir-riċevitur

tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u għandha tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tal-PRIMA.

(13) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għal impenji formali mill-Istati Parteċipanti biex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-PRIMA u għat-twettiq sħiħ ta' dawk l-impenji skont it-termini ta' din id-Deċiżjoni. Għandha tingħata flessibbiltà lill-Istati Parteċipanti biex b'mod fakultattiv jikkontribwixxu finanzjarjament għall-PRIMA-IS fid-dawl tal-finanzjament ta' azzjonijiet indiretti, biex b'hekk jinkiseb grad għoli ta' integrazzjoni finanzjarja. Barra minn hekk, l-Istati Parteċipanti għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament jew *in natura* għall-attivitajiet implimentati mingħajr il-kontribuzzjoni tal-Unjoni. Il-perjodu li matulu l-Istati Parteċipanti għandhom jipprovdu l-kontribuzzjoni tagħhom għandu jiġi definit b'mod ċar.

(14) Għandu jiġi stabbilit limitu għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni fil-PRIMA b'finanzjament mill-Orizzont 2020. F'dan il-limitu, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun daqs il-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti fil-PRIMA ħalli jintlaħaq effett qawwi ta' ingranaġġ u tkun żgurata integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-programmi tal-Istati Parteċipanti. Għandu jkun possibbli li tintuża parti limitata mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni biex tkopri l-kostijiet amministrattivi tal-PRIMA-IS.

(15) Sabiex tiġi evitata implimentazzjoni mtawla tal-PRIMA, għandha tiġi ffissata skadenza għat-tnedija tal-aħħar attivitajiet, inklużi l-aħħar sejħiet għal proposti.

(16) L-attivitajiet tal-PRIMA għandhom ikunu f'konformità mal-objettivi u l-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Orizzont 2020 u mal-prinċipji ġenerali u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013. Il-PRIMA għandha tieħu kont tad-definizzjonijiet tal-OECD dwar il-Livell ta' Tlestija Teknoloġika fil-klassifikazzjoni tar-riċerka teknoloġika, l-iżvilupp tal-prodotti u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni.

(17) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PRIMA, il-PRIMA-IS għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju prinċipalment fil-forma ta' għotjiet lill-parteċipanti fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-PRIMA-IS. Dawk l-azzjonijiet għandhom jintgħażlu wara sejħiet għal proposti miftuħa u kompetittivi taħt ir-responsabbiltà tal-PRIMA-IS.

(18) Is-sejħiet għal proposti li tieħu ħsieb il-PRIMA-IS għandhom jiġu ppubblikati wkoll fuq il-portal uniku għall-parteċipanti, kif ukoll permezz ta' mezzi elettroniċi oħra ta' tixrid ta' Orizzont 2020 li tieħu ħsieb il-Kummissjoni.

(19) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun ġestita skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda u r-regoli dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012[6].

(20) Biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt tnaqqas, tissospendi jew tittermina l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni jekk il-PRIMA tiġi implimentata b'mod inadegwat, parzjalment jew tard, jew jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, għall-finanzjament tal-PRIMA.

---

5 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298 tas-26.10.2012, p. 1).

6 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 362 tal-31.12.2012, p. 1).

(21) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-PRIMA-IS hija soġġetta għar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Madankollu, minħabba l-bżonnijiet operattivi speċifiċi tal-PRIMA, hemm bżonn jingħataw derogi skont l-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament.

(22) Id-derogi mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) u mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 huma meħtieġa sabiex jieħdu kont tal-ispeċifiċitajiet li jirriżultaw mill-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-PRIMA, billi jaġġustaw aktar il-kundizzjonijiet minimi tal-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ewlenija bbilanċjata fl-azzjonijiet indiretti taħt konfigurazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, bħala deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, in-numru minimu ta' parteċipanti għandu jkun tliet entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi tliet Stati Parteċipanti differenti li minnhom waħda hija stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mal-Orizzont 2020, u waħda hija stabbilita f'pajjiż terz, assoċjat jew le mal-Orizzont 2020. Id-deroga mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 hija meħtieġa sabiex tiżgura li l-kundizzjonijiet minimi tal-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti ma jkunux diskriminatorji għal entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-PRIMA bħala Stati Parteċipanti. Sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-finanzjament mhumiex diskriminatorji għall-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-PRIMA bħala Stati Parteċipanti, għandu jiġi previst li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Istati Parteċipanti jkunu eliġibbli għall-finanzjament flimkien mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013. Id-derogi mill-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 huma meħtieġa sabiex jippermettu t-twessigħ tal-kooperazzjoni permezz ta' sejħiet konġunti mnedija mill-PRIMA-IS ma' entitajiet ġuridiċi għajr pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

(23) Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, il-piż amministrattiv għandu jitnaqqas għall-partijiet kollha. Awditi doppji u dokumentazzjoni u rapportar sproporzjonati għandhom jiġu evitati. Meta jsiru l-awditi, għandhom jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tal-programmi nazzjonali, kif xieraq.

(24) Awditi ta' riċevituri ta' fondi tal-Unjoni pprovduti skont din id-Deċiżjoni għandhom jiżguraw it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013.

(25) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jitħarsu permezz ta' miżuri proporzjonati tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu, inkluż il-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati ħażin u, meta xieraq, sanzjonijiet amministrattivi skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(26) Il-Kummissjoni għandha tmexxi evalwazzjoni interim li b'mod partikolari tivvaluta l-kwalità u l-effiċjenza tal-PRIMA u l-progress li jkun sar għall-għanijiet stabbiliti u evalwazzjoni finali u għandha tħejji rapporti dwar dawk l-evalwazzjonijiet.

(27) Fuq talba mill-Kummissjoni, il-PRIMA-IS u l-Istati Parteċipanti għandhom iressqu kwalunkwe informazzjoni li l-Kummissjoni jeħtieġ tinkludi fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni tal-PRIMA.

(28) L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni huwa li ssaħħaħ l-integrazzjoni u l-allinjament tas-sistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni fil-pajjiżi Mediterranji fl-oqsma tal-provvista tal-

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

ilma u tas-sistemi tal-ikel. L-iskala tar-riċerka u l-innovazzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi fiż-żona tal-Mediterran hija immensa minħabba l-karattru sistemiku tal-konġestjonijiet ewlenin. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni huwa kumpless, multidixxiplinarju u jeħtieġ approċċ b'diversi atturi u transkonfinali. Approċċ kollaborattiv b'sett wiesa' ta' Stati Parteċipanti jista' jgħin biex iżid l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa, billi jinġabru flimkien ir-riżorsi finanzjarji u intellettwali. Għalhekk, peress li l-għan jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jiġu integrati l-isforzi nazzjonali f'approċċ tal-Unjoni konsistenti, billi jingħaqdu programmi nazzjonali tar-riċerka li huma maqtugħin għalihom, billi tingħata għajnuna biex jitfasslu strateġiji komuni tar-riċerka u l-finanzjament li jegħlbu l-fruntieri nazzjonali, u billi tinkiseb il-massa kritika ta' atturi u ta' investimenti meħtieġa, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(29) Għalhekk, l-Unjoni għandha tipparteċipa fil-PRIMA,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*
*Parteċipazzjoni fil-PRIMA*

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran ("PRIMA") imwettqa b'mod konġunt minn [Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, Iżrael, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, Spanja u t-Tuneżija] ("Stati Parteċipanti"), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

2. L-Eġittu, il-Libanu u l-Marokk għandhom isiru Stati Parteċipanti soġġetti għall-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali mal-Unjoni li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-PRIMA.

3. Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mal-Orizzont 2020 għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1 jistgħu jieħdu sehem fil-PRIMA sakemm jissodisfaw il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1) ta' din id-Deċiżjoni. Jekk jissodisfa dik il-kundizzjoni, għandu jitqies bħala Stat Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

4. Kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat mal-Orizzont 2020 għajr dawk elenkati fil-paragrafu 2 jista' jieħu sehem fil-PRIMA sakemm:

   (a) jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1) ta' din id-Deċiżjoni;

   (b) il-PRIMA-IS tapprova l-parteċipazzjoni tiegħu fil-PRIMA wara li teżamina r-rilevanza tal-parteċipazzjoni tiegħu għall-ilħuq tal-objettivi tal-PRIMA; kif ukoll

   (c) jikkonkludi ftehim internazzjonali mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-PRIMA.

   Jekk il-pajjiż jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, għandu jitqies bħala Stat Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*
*L-objettivi tal-PRIMA*

1. L-objettiv ġenerali tal-PRIMA huwa li tiżviluppa s-soluzzjonijiet innovattivi komuni ppilotati bis-sħiħ u murija għall-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel fir-reġjun tal-Mediterran, biex tagħmilhom aktar reżiljenti għall-klima, effiċjenti, kosteffikaċi u sostenibbli, u biex tikkontribwixxi għas-soluzzjoni upstream ta' problemi dwar in-nutrizzjoni, is-saħħa, il-benesseri u l-migrazzjoni.

2. Sabiex tikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali, il-PRIMA għandha tilħaq dawn l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(i) il-formulazzjoni ta' aġenda strateġika komuni stabbli u fit-tul fil-qasam tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel;

(ii) l-orjentazzjoni tal-programmi nazzjonali kollha tar-R&I lejn l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika;

(iii) l-involviment strutturali tal-atturi rilevanti kollha fis-settur pubbliku u privat fl-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika billi jinġabru flimkien l-għarfien u r-riżorsi finanzjarji biex tinkiseb il-massa kritika meħtieġa;

(iv) it-tisħiħ tal-finanzjament u tal-kapaċitajiet ta' implimentazzjoni tal-atturi kollha involuti.

*Artikolu 3*
*Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-PRIMA*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni, inklużi l-approprjazzjonijiet tal-EFTA, għall-PRIMA għandha tkun EUR 200 000 000 biex tkun ugwali għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-partijiet rilevanti tal-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020, stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE[8], u b'mod partikolari mill-Parti II "Tmexxija Industrijali" u mill-Parti III "Sfidi tas-soċjetà", skont il-punt (c)(vi) tal-Artikolu 58(1) u l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tintuża mill-istruttura ta' implimentazzjoni tal-PRIMA (il-"PRIMA-IS"):

(a) biex tiffinanzja l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1)(a);

(b) biex tkopri l-kostijiet amministrattivi tal-PRIMA-IS, sa massimu ta' 5% tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

*Artikolu 4*
*Il-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-PRIMA*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jkollha dawn il-kundizzjonijiet:

---

8 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

(a) l-Istati Parteċipanti juru li l-PRIMA hija stabbilita skont it-termini stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(b) id-deżinjazzjoni mill-Istati Parteċipanti jew mill-organizzazzjonijiet iddeżinjati mill-Istati Parteċipanti ta' entità b'personalità ġuridika, kif imsemmi fl-Artikolu 58(1)(c)(vi) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, bħala l-PRIMA-IS. Il-PRIMA-IS għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-PRIMA, biex tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti, fejn xieraq, u biex tiżgura li l-azzjonijiet meħtieġa kollha jitwettqu biex jintlaħqu l-objettivi tal-PRIMA;

(c) l-impenn ta' kull Stat Parteċipant li jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-PRIMA;

(d) il-PRIMA-IS turi l-kapaċità tagħha biex timplimenta l-PRIMA, inkluż li tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-Unjoni skont l-Artikoli 58, 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(e) l-istabbiliment ta' mudell ta' governanza għall-PRIMA skont l-Artikolu 12;

(f) l-adozzjoni mill-PRIMA-IS, wara li tikseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, tal-prinċipji komuni msemmija fl-Artikolu 6(6).

2. Matul l-implimentazzjoni tal-PRIMA, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jkollha wkoll dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni mill-PRIMA-IS tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, u tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6;

(b) iż-żamma ta' mudell ta' governanza xieraq u effiċjenti skont l-Artikolu 12;

(c) il-PRIMA-IS tkun konformi mar-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(d) it-twettiq mill-Istati Parteċipanti tal-impenji msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-twettiq tal-impenji assunti mill-Istati Parteċipanti, b'mod partikolari permezz tal-ewwel żewġ pjanijiet ta' ħidma annwali tal-PRIMA. Wara dik il-valutazzjoni, il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) għandha tiġi riveduta skont l-Artikolu 9.

*Artikolu 5*

*Kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti għall-PRIMA*

1. L-Istati Parteċipanti għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex il-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew *in natura* ta' mill-anqas EUR 200 000 000 matul il-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

2. Il-Kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti jew il-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom għandhom jikkonsistu minn dan li ġej:

(a) fejn xieraq, kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-PRIMA-IS fid-dawl tal-azzjonijiet indiretti ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 6(1)(a);

(b) kontribuzzjonijiet finanzjarji jew *in natura* fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1)(b); kif ukoll

(c) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit amministrattiv tal-PRIMA-IS mhux koperti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 3(3)(b).

3. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonsistu minn kostijiet li jġarrbu l-Istati Parteċipanti permezz tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom biex jimplimentaw attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1)(b), wara li titnaqqas kull kontribuzzjoni finanzjarja diretta jew indiretta tal-Unjoni għal dawk il-kostijiet.

4. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura* msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2, il-kostijiet għandhom jiġu ddeterminati skont il-prattiki tal-kontabilità normali tal-Istati Parteċipanti jew tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati, l-istandards tal-kontabilità applikabbli tal-Istat Parteċipanti fejn il-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati huma stabbiliti u l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità/Standards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju applikabbli. Il-kostijiet għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti maħtur mill-Istati Parteċipanti jew mill-korpi ta' finanzjament nazzjonali kkonċernati. Jekk ikun hemm xi inċertezza li tirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, il-metodu tal-valutazzjoni jista' jiġi vverifikat mill-PRIMA-IS. Fil-każ ta' inċertezzi li jibqgħu, jista' jiġi awditjat mill-PRIMA-IS.

5. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti għandhom isiru wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni għall-attivitajiet inklużi fl-ewwel pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA, u wara l-adozzjoni mill-PRIMA-IS tal-pjanijiet ta' ħidma annwali sussegwenti.

*Artikolu 6*
*Attivitajiet u l-implimentazzjoni tal-PRIMA*

1. Il-PRIMA għandha tappoġġja dawn l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-azzjonijiet indiretti fis-sens tar-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 iffinanzjati mill-PRIMA-IS skont l-Artikolu 7, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet wara sejħiet għal proposti transnazzjonali, miftuħa u kompetittivi organizzati mill-PRIMA-IS, inklużi:

(i) azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, kif ukoll azzjonijiet ta' innovazzjoni, inklużi dimostraturi, pjanti pilota, ittestjar, użu prekummerċjali, indirizzar b'mod partikolari tal-Livelli ogħla ta' Tlestija tat-Teknoloġija;

(ii) azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ li jiffukaw fuq it-tixrid u s-sensibilizzazzjoni biex jippromwovu l-PRIMA u jimmassimizzaw l-impatti tagħha;

(b) attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti permezz tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom mingħajr il-kontribuzzjoni tal-Unjoni, li qed jindirizzaw dejjem aktar il-Livelli ta' Tlestija Teknoloġika ogħla u li jikkonsistu f':

(i) attivitajiet magħżula wara sejħiet għal proposti transnazzjonali, miftuħa u kompetittivi organizzati mill-PRIMA-IS, ġestiti mill-korpi ta' finanzjament nazzjonali taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Parteċipanti, li jipprovdu appoġġ finanzjarju prinċipalment fil-forma ta' għotjiet;

(ii) attivitajiet taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Parteċipanti.

2. Il-PRIMA għandha tiġi implimentata fuq il-bażi ta' pjanijiet ta' ħidma annwali, li għandhom jiġu adottati mill-PRIMA-IS, wara li tinkiseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, sal-aħħar tas-sena ta' qabel. Bħala eċċezzjoni, il-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA għall-2018 jista' jiġi adottat sal-31 ta' Marzu 2018. Il-PRIMA-IS għandha tagħmel il-pjan ta' ħidma annwali pubblikament disponibbli.

3. L-attivitajiet jistgħu jiġu ffinanzjati biss taħt il-PRIMA jekk ikunu stabbiliti fil-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA. Il-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA għandu jiddistingwi bejn l-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-attivitajiet imsemmija fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu, kif ukoll il-kostijiet amministrattivi tal-PRIMA-IS. Għandu jipprovdi għall-istimi korrispondenti tagħhom tan-nefqa kif ukoll għall-allokazzjoni tal-baġit għal attivitajiet iffinanzjati bil-kontribuzzjoni tal-Unjoni u għal attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti permezz tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom mingħajr il-kontribuzzjoni tal-Unjoni. Il-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA għandu jinkludi wkoll il-valur stmat tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-Istati Parteċipanti msemmija fl-Artikolu 5(2)(b).

4. L-aħħar attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati, inkluż l-aħħar sejħiet għal proposti taħt il-pjanijiet ta' ħidma annwali rilevanti tal-PRIMA għandhom jiġu mnedija sal-31 ta' Diċembru 2024. F'każijiet debitament iġġustifikati, jistgħu jiġu mnedija sal-31 ta' Diċembru 2025.

5. L-attivitajiet li se jiġu ffinanzjati mill-Istati Parteċipanti permezz tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom mingħajr il-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jistgħu jiġu inklużi biss fil-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA wara l-eżitu pożittiv tal-evalwazzjoni indipendenti esterna tagħhom minn evalwazzjoni internazzjonali bejn il-pari fir-rigward tal-objettivi tal-PRIMA, kif organizzata mill-PRIMA-IS.

6. L-attivitajiet inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA li huma ffinanzjati mill-Istati Parteċipanti permezz tal-korpi ta' finanzjament nazzjonali tagħhom mingħajr il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati f'konformità ma' prinċipji komuni li għandhom jiġu adottati mill-PRIMA-IS, wara li tinkiseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Il-prinċipji komuni għandhom iqisu l-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, fit-Titolu VI tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u fir-Regolament (UE) Nru 1290/2013, b'mod partikolari l-prinċipji ta' trattament ugwali, trasparenza, evalwazzjoni internazzjonali bejn il-pari indipendenti u għażla. Il-PRIMA-IS għandha tadotta wkoll, wara li tikseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, ir-rekwiżiti ta' rapportur tal-Istati Parteċipanti lill-PRIMA-IS, inkluż fir-rigward ta' indikaturi mdaħħla f'kull waħda minn dawk l-attivitajiet.

7. L-attivitajiet imsemmija fil-punt (b)(i) tal-paragrafu 1 għandhom, flimkien mal-prinċipji komuni msemmija fil-paragrafu 6, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-proposti għandhom ikunu għal proġetti transnazzjonali, bil-parteċipazzjoni minima ta' mill-anqas tliet entitajiet ġuridiċi indipendenti stabbiliti fi tliet Stati Parteċipanti differenti, li minnhom:

(i) waħda għandha tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mal-Orizzont 2020, u

(ii) waħda f'pajjiż terz meqjus bħala Stat Parteċipanti skont din id-Deċiżjoni sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni taħt is-sejħa għal proposti rilevanti.

(b) Il-proposti għandhom jintgħażlu wara sejħiet għal proposti transnazzjonali u permezz ta' proċedura b'żewġ passi. L-Ewwel Pass (1) għandu jikkonsisti f'analiżi fuq livell nazzjonali jew transnazzjonali tal-proposti ppreżentati mill-entitajiet ġuridiċi eliġibbli għall-finanzjament taħt il-programmi nazzjonali rilevanti. It-Tieni Pass (2) għandu jikkonsisti minn evalwazzjoni internazzjonali bejn il-pari indipendenti unika organizzata mill-PRIMA-IS. Taħt it-tieni pass (2), il-proposti għandhom jiġu evalwati bl-għajnuna ta' mill-anqas tliet esperti indipendenti, fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti li ġejjin: eċċellenza, impatt, kwalità u effiċjenza tal-implimentazzjoni.

(c) Il-proposti għandhom jiġu kklassifikati skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni. L-għażla għandha ssir mill-PRIMA-IS fuq il-bażi ta' din il-klassifikazzjoni. L-Istati Parteċipanti għandhom jaqblu dwar mod ta' finanzjament adegwat li jippermetti l-massimizzazzjoni tan-numru ta' proposti li għandhom jiġu ffinanzjati fuq il-bażi ta' din il-klassifika, b'mod partikolari billi jiġu pprovduti ammonti ta' riżerva għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali għas-sejħiet għal proposti.

8. Il-PRIMA-IS għandha timmonitorja u tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA.

9. Kwalunkwe komunikazzjoni jew pubblikazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-PRIMA, u li ssir f'kooperazzjoni mal-PRIMA, kemm jekk twettaqhom il-PRIMA-IS, Stat Parteċipanti jew il-korpi ta' finanzjament nazzjonali tiegħu, jew parteċipanti f'attività, għandha tiġi ttikkettata jew ikkotikkettata bħala "[isem l-attività] hi parti mill-programm PRIMA appoġġjat mill-Unjoni Ewropea".

*Artikolu 7*
*Regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid*

1. Il-PRIMA-IS għandha titqies bħala korp ta' finanzjament fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 u għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti msemmija fl-Artikolu 6(1)(a) ta' din id-Deċiżjoni skont ir-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament, suġġett għad-derogi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Permezz ta' deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, in-numru minimu ta' parteċipanti għandu jkun tliet entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi tliet Stati Parteċipanti differenti li minnhom:

(a) waħda għandha tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat mal-Orizzont 2020, u

(b) waħda stabbilita f'pajjiż terz meqjus bħala Stat Parteċipanti skont din id-Deċiżjoni sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni taħt is-sejħa għal proposti rilevanti.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, f'każijiet debitament iġġustifikati previsti fil-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA, il-kundizzjoni minima għandha tkun il-parteċipazzjoni ta' entità ġuridika waħda stabbilita fi Stat Parteċipanti, li huwa Stat Membru, pajjiż assoċjat mal-Orizzont 2020 jew pajjiż terz meqjus bħala Stat Parteċipanti skont din id-Deċiżjoni sal-iskadenza għas-sottomissjoni taħt is-sejħa għal proposti rilevanti.

4. Flimkien mal-parteċipanti eliġibbli għall-finanzjament skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, kwalunkwe entità ġuridika stabbilita fi Stat Parteċipanti għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament.

5. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, fejn tali attività tkun inkluża fil-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA, il-PRIMA-IS tista' tniedi sejħiet konġunti ma' pajjiżi terzi għajr l-Istati Parteċipanti jew l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji xjentifiċi u teknoloġiċi tagħhom, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew ma' partijiet terzi oħra, b'mod partikolari organizzazzjonijiet mhux governattivi, skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

*Artikolu 8*
*Ftehimiet bejn l-Unjoni u l-PRIMA-IS*

1. Soġġetta għal valutazzjoni *ex ante* pożittiva tal-PRIMA-IS skont l-Artikolu 61(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-għoti ta' garanziji finanzjarji adegwati skont l-Artikolu 58(1)(c)(vi) tiegħu, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehim ta' delega u ftehimiet annwali tat-trasferiment tal-fondi mal-PRIMA-IS.

2. Il-ftehim ta' delega msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi konkluż skont l-Artikoli 58(3), 60 u 61 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012. Fost l-oħrajn dan għandu jistabbilixxi wkoll dawn li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti għall-kontribuzzjoni tal-PRIMA-IS dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2013/743/UE;

(b) ir-rekwiżiti għall-kontribuzzjoni tal-PRIMA-IS għall-monitoraġġ imsemmi fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2013/743/UE;

(c) l-indikaturi ta' prestazzjoni speċifiċi relatati mal-funzjonament tal-PRIMA-IS;

(d) ir-rekwiżiti għall-PRIMA-IS dwar l-għoti tal-informazzjoni fuq il-kostijiet amministrattivi u ċ-ċifri fid-dettall dwar l-implimentazzjoni tal-PRIMA;

(e) l-arranġamenti dwar l-għoti tad-data meħtieġa biex tiżgura li l-Kummissjoni kapaċi tissodisfa l-obbligi tagħha tat-tixrid u tar-rapportur;

(f) l-arranġamenti għall-approvazzjoni jew ir-rifjut mill-Kummissjoni tal-abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA, il-prinċipji komuni msemmija fl-Artikolu 6(6) u r-rekwiżiti tar-rapportur tal-Istati Membri, qabel jiġu adottati mill-PRIMA-IS; kif ukoll

(g) dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti mill-PRIMA-IS, b'mod partikolari fuq il-portal uniku għall-parteċipanti kif ukoll permezz ta' mezzi elettroniċi ta' tixrid oħrajn tal-Orizzont 2020 ġestiti mill-Kummissjoni.

*Artikolu 9*
*Terminazzjoni, tnaqqis jew sospensjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni*

3. Jekk il-PRIMA ma tiġix implimentata jew ma tiġix implimentata kif xieraq, jew tiġi implimentata parzjalment jew tard, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont l-implimentazzjoni attwali tal-PRIMA.

4. Jekk l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-PRIMA, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, filwaqt li tqis l-ammont ta' finanzjament allokat mill-Istati Parteċipanti biex jimplimentaw il-PRIMA.

### *Artikolu 10*
### *Awditi ex-post*

1. L-awditi *ex-post* tan-nefqa fuq l-azzjonijiet indiretti msemmija fl-Artikolu 6(1)(a) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitwettqu mill-PRIMA-IS skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013.
2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 hi stess. F'dawn il-każijiet, għandha tagħmel dan f'konformità mar-regoli applikabbli, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 966/2012, (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013.

### *Artikolu 11*
### *Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'kontrolli effikaċi u, jekk jinkixfu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu ħażin u, meta xieraq, b'sanzjonijiet amministrattivi effikaċi, proporzjonati u dissważivi.
2. Il-PRIMA-IS għandha tagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u lill-persuni oħra awtorizzati mill-Kummissjoni, flimkien mal-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-bini tiegħu u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'forma elettronika, meħtieġa sabiex isiru l-awditi tagħhom.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[9] u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim għal għotja jew deċiżjoni għal għotja jew kuntratt iffinanzjat, direttament jew indirettament, skont din id-Deċiżjoni.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-kuntratti, il-ftehimiet għal għotja u d-deċiżjonijiet għal għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, il-PRIMA-IS, il-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF, li jwettqu tali awditi u

---

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

[10] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Meta l-implimentazzjoni ta’ azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kollha kemm hi jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta’ kuntratt ta’ akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim ta’ għotja jew id-deċiżjoni ta’ għotja għandhom jinkludu l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponi fuq kwalunkwe parti terza involuta l-aċċettazzjoni espliċita ta’ dawn is-setgħat tal-Kummissjoni, tal-PRIMA-IS, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-OLAF.

5. Waqt l-implimentazzjoni tal-PRIMA, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji, amministrattivi jew miżuri oħra meħtieġa biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b’mod partikolari biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta’ xi ammonti dovuti lill-Unjoni f’konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012.

*Artikolu 12*
*Governanza tal-PRIMA*

1. Il-korpi tal-PRIMA-IS għandhom jinkludu:

(a) l-Assemblea Ġenerali;

(b) il-Bord tat-Tmexxija;

(c) is-Segretarjat;

(d) il-Bord Konsultattiv Xjentifiku.

2. Il-PRIMA-IS għandha tkun irregolata mill-Assemblea Ġenerali, li fiha l-Istati Parteċipanti kollha jkunu rappreżentati. L-Assemblea Ġenerali għandha tkun il-korp deċiżjonali tal-PRIMA-IS.

L-Assemblea Ġenerali għandha tadotta, wara li tikseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni:

(a) il-pjan ta’ ħidma annwali tal-PRIMA;

(b) il-prinċipji komuni msemmija fl-Artikolu 6(6); kif ukoll

(c) ir-rekwiżiti ta’ rappurtar tal-Istati Parteċipanti lill-PRIMA-IS.

L-Assemblea Ġenerali għandha tapprova l-parteċipazzjoni fil-PRIMA ta’ kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat mal-Orizzont 2020 għajr dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) wara li teżamina r-rilevanza tal-parteċipazzjoni tiegħu għall-ilħuq tal-objettivi tal-PRIMA.

Kull Stat Parteċipanti għandu jkollu vot wieħed fl-Assemblea Ġenerali. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b’kunsens. Fin-nuqqas ta’ dan, l-Assemblea Ġenerali għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b’maġġoranza ta’ mill-anqas 75% tal-voti. L-approvazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-PRIMA ta’ kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat mal-Orizzont 2020 għajr dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) għandha tkun b’unanimità.

L-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, għandha tkun mistiedna għal-laqgħat kollha tal-Assemblea Ġenerali bħala osservatur, u tista’ tieħu sehem fid-diskussjonijiet. Għandha tirċievi d-dokumenti neċessarji kollha.

3. L-Assemblea Ġenerali għandha tiddetermina n-numru tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija, li m’għandux ikun anqas minn ħamsa, u għandha taħtarhom. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jissorvelja lis-Segretarjat tal-PRIMA-IS.

4. L-Assemblea Ġenerali għandha tistabbilixxi s-Segretarjat tal-PRIMA-IS bħala l-korp eżekuttiv tal-PRIMA.

Is-Segretarjat għandu:

(a) jimplimenta l-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA;

(b) jipprovdi appoġġ lill-korpi l-oħra tal-PRIMA-IS;

(c) jimmonitorja u jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-PRIMA;

(d) jimmaniġġja l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni u mill-Istati Parteċipanti u jirrapporta dwar l-użu tagħhom;

(e) jżid il-viżibbiltà tal-PRIMA permezz ta' promozzjoni u komunikazzjoni;

(f) jaħdem id f'id mal-Kummissjoni skont il-ftehim ta' delega msemmi fl-Artikolu 8.

5. L-Assemblea Ġenerali għandha taħtar Bord Konsultattiv Xjentifiku li jikkonsisti minn esperti indipendenti mill-Istati Parteċipanti, kompetenti f'oqsma rilevanti għall-PRIMA. L-Assemblea Ġenerali għandha tistabbilixxi n-numru ta' membri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku, id-drittijiet tal-vot tagħhom u l-arranġamenti għall-ħatra tagħhom skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013.

L-Assemblea Ġenerali tista' tistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati taħt il-Bord Konsultattiv Xjentifiku b'esperti indipendenti addizzjonali għal kompiti speċifiċi.

Il-Bord Xjentifiku Konsultattiv għandu:

(a) jagħti pariri lill-Assemblea Ġenerali dwar prijoritajiet u ħtiġijiet strateġiċi;

(b) jagħti pariri lill-Assemblea Ġenerali dwar il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali tal-PRIMA mill-perspettiva xjentifika u teknika;

(c) jirrevedi l-aspetti xjentifiċi u tekniċi tal-implimentazzjoni tal-PRIMA u jagħti opinjoni dwar ir-rapport annwali tiegħu;

(d) fejn xieraq, jagħti pariri lill-Assemblea Ġenerali biex tistabbilixxi sottokumitati xjentifiċi, task forces u gruppi ta' ħidma speċjalizzati.

*Artikolu 13*
*Komunikazzjoni tal-informazzjoni*

1. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-PRIMA-IS għandha tibgħat lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 14.

2. Permezz tal-PRIMA-IS, l-Istati Parteċipanti għandhom iressqu lill-Kummissjoni kull informazzjoni mitluba mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-PRIMA.

3. Il-Kummissjoni għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 14.

*Artikolu 14*
*Evalwazzjoni*

1. Sat-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni interim tal-PRIMA. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar dik l-evalwazzjoni li tinkludi konklużjonijiet tal-evalwazzjoni u osservazzjonijiet mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2022.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni finali tal-PRIMA. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar dik l-evalwazzjoni li jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2029.

*Artikolu 15*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 16*
*Destinatarji*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

**1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Ir-regoli dwar il-ġestjoni u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

**3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fi Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b'mod konġunt minn bosta Stati Membri. |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[11]

| |
|---|
| Titolu 08 Riċerka u Innovazzjoni, il-Programm Qafas Orizzont 2020 |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[12]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

#### *1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| L-objettiv strateġiku tal-Programm Konġunt tal-PRIMA huwa li jiżviluppa s-soluzzjonijiet innovattivi komuni ppilotati u murija bis-sħiħ fil-qasam tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fir-reġjun tal-Mediterran, biex b'hekk isiru aktar reżiljenti għall-klima, effiċjenti, kosteffikaċi u sostenibbli, u b'hekk jikkontribwixxu biex isolvu l-problemi ta' livell ogħla fil-qasam tan-nutrizzjoni, is-saħħa, il-benesseri u l-migrazzjoni. |

#### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/ċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati*

| |
|---|
| L-objettiv strateġiku t'hawn fuq jeħtieġ qafas durabbli għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li b'mod konkret jissarraf f'dawn l-objettivi speċifiċi li ġejjin:<br>• Il-formulazzjoni ta' aġenda strateġika komuni għar-riċerka u l-innovazzjoni stabbli u fit-tul fil-qasam tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel;<br>• L-orjentazzjoni tal-programmi nazzjonali kollha ta' riċerka u innovazzjoni lejn l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika għar-riċerka u l-innovazzjoni;<br>• L-involviment strutturali tal-atturi rilevanti kollha fir-riċerka u l-innovazzjoni (is-settur pubbliku u privat) fl-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika għar-riċerka billi jingħabar l-għarfien u r-riżorsi finanzjarji sabiex tinkiseb il-massa kritika meħtieġa;<br>• It-tisħiħ tal-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni u tal-kapaċitajiet ta' implimentazzjoni tal-atturi kollha involuti. |

[11] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: baġit ibbażat fuq l-attività.
[12] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Il-formulazzjoni ta' aġenda strateġika komuni għar-riċerka u l-innovazzjoni stabbli u fit-tul fil-qasam tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel; li tirriżulta fi progress sinifikanti lejn l-objettivi speċifiċi t'hawn fuq. Effetti addizzjonali, bħal li jiġi attirat investiment privat grazzi għall-impenn istituzzjonali fit-tul prevedibbli; it-trawwim ta' rabtiet xjentifiċi u diplomatiċi bejn il-parteċipanti (diplomazija xjentifika); ir-rinfurzar ta' ftehimiet bilaterali tas-S&T bejn l-UE u pajjiżi individwali, huwa mistenni wkoll.

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Il-progress tal-PRIMA se jitkejjel kif ġej:

1. Permezz ta' indikaturi tal-implimentazzjoni, jiġifieri indikaturi tal-produzzjoni u tal-input, biex jiġi vvalutat l-iżvilupp fuq terminu medju tal-attivitajiet tal-PRIMA:

a) Indikaturi tal-produzzjoni:

- Piloti u dimostraturi fuq skala kbira
- Il-prijoritajiet ta' (finanzjament) riċerka nazzjonali adattati bħala riżultati u l-prijoritajiet ta' (R&I) SRIA
- Allinjament ta' programmi nazzjonali tal-finanzjament tar-R&I
- Strateġiji ġodda jew aġġornati tal-pajjiż li jirriflettu l-impatt tal-inizjattiva
- Benefiċċji ta' effiċjenza permezz tal-ġbir flimkien ta' riżorsi. Kondiviżjoni tal-investiment pubbliku tal-Istati parteċipanti. Volum u sehem tal-kofinanzjament mill-UE u minn pajjiżi terzi tal-Mediterran. Spejjeż operattivi. Żmien għall-Għotja. Żmien għall-Ħlas
- Finanzjament allokat permezz ta' sejħiet għal proposti transnazzjonali konġunti jew attivitajiet iffinanzjati mhux tal-proġetti
- Tkabbir fis-sehem ta' mudelli implimentati ta' ġestjoni sostenibbli tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran
- Tkabbir fis-sehem ta' strateġiji ġodda implimentati għal titjib fl-effiċjenza tal-ilma u tal-ikel u tnaqqis tal-iskart żviluppat għaż-żona tal-Mediterran
- Mudelli u strateġiji kummerċjali ġodda orjentati lejn il-kwalità tal-ilma u tal-ikel adottati fil-livelli nazzjonali u reġjonali
- Espansjoni tat-timijiet nazzjonali involuti fi proġetti tar-R&I dwar titjib fl-effiċjenza fil-ġestjoni tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel
- Numru ta' pajjiżi li fihom huma implimentati soluzzjonijiet għall-iffrankar tal-ilma
- Numru ta' sejħiet tranżizzjonali kull sena li jindirizzaw il-provvista tal-ilma u s-sistemi tal-ikel

b) Indikaturi tal-input:

- Grad tal-parteċipazzjoni tal-Istati parteċipanti fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija
- Pajjiżi addizzjonali li jipparteċipaw fl-inizjattiva

• Pajjiżi li ma jibqgħux Stati parteċipanti

• L-impenn finanzjarju attwali in natura mill-Istati Parteċipanti

• Progress fuq l-aġġornamenti tal-Aġenda Strateġika għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (SRIA)

• Parteċipazzjoni fuq l-istess livell mill-pajjiżi terzi kollha

2. Permezz ta' indikaturi speċifiċi, ibbażati fuq il-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u li jiffukaw prinċipalment imma mhux esklussivament fuq is-sigurtà tal-ikel (SDG #2) u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma (SDG #6). L-aktar indikaturi importanti u r-rabta tagħhom mal-objettivi operattivi huma:

• L-Indiċi tal-Faqar Multidimensjonali
→ Objettiv 1 (riżorsi naturali tal-biedja intelliġenti u sostenibbli jżidu l-produzzjoni),
→ Objettiv 4 (soluzzjonijiet għall-effiċjenza tal-katina alimentari u tal-ilma, inaqqsu t-telf u l-iskart),
→ Objettiv 5 (tnaqqis tal-pesti u tal-patoġeni fil-biedja għas-saħħa tal-bniedem).

• Piż żejjed tal-popolazzjoni (%)
→ Objettiv 3 (soluzzjonijiet għall-industrija agroalimentari għall-wirt nutrizzjonali Mediterranju).

• Użu tal-Art (%).
→ Objettiv 7 (titjib fis-sostenibbiltà tal-art u tal-ilma f'żoni idrografiċi semi-aridi).

• Emissjonijiet ta' gass serra (total u AFOLU – t CO2e)
→ Objettiv 1.

• Rendiment taċ-Ċereali (kg/ha)
→ Objettiv 1.

• Valur Miżjud Agrikolu (EUR/ħaddiem).
→ Objettiv 6 (mudelli innovattivi fin-negozju agrikolu għal impjiegi ġodda u tkabbir ekonomiku).

• Konsum tal-fertilizzanti (kg/ha ta' raba').
→ Objettiv 1

• Produttività tal-ilma għall-għelejjel (kg/m3).
→ Objettiv 2 (soluzzjonijiet għall-iffrankar tal-ilma fl-agrikoltura).

• Proporzjon tal-ilma totali użat.
→ Objettiv 7.

• Popolazzjoni li tuża servizzi tal-ilma mmaniġġjati b'mod sikur (rurali, %).
→ Objettiv 8 (mudelli ta' governanza ġodda fil-ġestjoni tal-ilma).

• Popolazzjoni li tuża servizzi ta' sanità ġestiti b'mod sikur (rurali, %).
→ Objettiv 8.

• Ammont ta' residwi agrikoli użati għall-finijiet tal-enerġija (t).

→ Objettiv 4.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Il-PRIMA se tikkombina r-riżorsi tal-EU u nazzjonali biex tiżviluppa, b'mod strutturat, qafas durabbli għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-provvista tal-ilma u tas-sistemi tal-ikel fiż-żona tal-Mediterran.

Jekk jogħġbok irreferi għar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-PRIMA, li jakkompanja l-proposta leġiżlattiva, għal aktar informazzjoni.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-inizjattiva hija konformi mal-Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni għaliex tindirizza xi wħud mill-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; tinsab b'mod ċar fl-interkambju bejn il-politiki tar-riċerka, it-tibdil fil-klima, l-ambjent u l-politika agrikola; u tagħti eżempju tal-mudell il-ġdid ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li qed jiġi promoss mill-Qafas ta' Sħubija l-ġdid sa fejn dan jinvolvi l-investituri privati, jappoġġja riżorsi tal-baġit limitati, u jiffoka fuq l-SMEs u l-infrastruttura sostenibbli.

Azzjoni fil-livell tal-UE biss hija kapaċi tikseb programm ikkoordinat tajjeb u integrat li jilħaq l-iskala meħtieġa, il-kamp ta' applikazzjoni u l-massa kritika biex iwettaq l-objettivi speċifiċi u ġenerali. L-azzjoni fil-livell tal-UE hija kkaratterizzata minn effett ta' ingranaġġ b'saħħtu għaliex timmobilizza investiment pubbliku u privat addizzjonali sinifikanti. Tiġġenera wkoll impatti li jmorru lil hinn mill-politika u s-soluzzjonijiet tar-R&I, biex b'hekk tappoġġja l-politiki esterni tal-UE u l-isforzi biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni. L-involviment tal-UE fil-PRIMA aktarx li jsaħħaħ ukoll il-viżibbiltà tal-Ewropa u r-responsabbiltà globali, fl-ispirtu tal-Politika tal-Viċinat tal-UE, li tinkoraġġixxi d-differenzjazzjoni u s-sjieda reċiproka akbar mas-sħab tal-viċinat.

### *1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-PRIMA hija mfassla biex topera bħala inizjattiva tal-Art. 185, jiġifieri pprogrammar konġunt pluriennali mwettaq mill-SP, bil-parteċipazzjoni tal-UE. L-esperjenza mill-inizjattivi tal-imgħoddi u dawk li għaddejjin bħalissa mill-FP6 sal-Orizzont 2020 turi effetti pożittivi, b'mod partikolari fuq:

- l-integrazzjoni xjentifika, maniġerjali u finanzjarja fit-tul tal-isforzi nazzjonali u Ewropej dwar sfidi komuni b'impenji finanzjarji u politiċi ċari bil-quddiem; mingħajr il-ħtieġa li jiġu istituzzjonalizzati sforzi konġunti jew li jinħolqu strutturi ġodda kbar;

- l-effetti ta' ingranaġġ u t-twassil fir-rigward tal-impatti;

- it-tmexxija internazzjonali u l-kooperazzjoni globali – kemm f'termini ta' viżibbiltà, tmexxija xjentifika kif ukoll mudell ġdid għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp;

- implimentazzjoni effiċjenti u ġestjoni finanzjarja soda.

### *1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-PRIMA se tikkontribwixxi għal numru ta' inizjattivi ewlenin, b'mod partikolari għall-politika ta' sostenibbiltà: Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza – Inizjattiva ewlenija, Programm Ewropew tal-Viċinat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Il-

PRIMA hija wkoll rilevanti għal numru ta' politiki esterni, b'mod partikolari l-Qafas ta' Sħubija ma' pajjiżi terzi taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-Aġenda tal-Iżvilupp Wara l-2015 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Il-PRIMA se tikkontribwixxi ferm fl-iħuq tal-objettivi tal-Orizzont 2020 u tal-politika dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (3O's - Xjenza miftuħa, Innovazzjoni miftuħa, Miftuħa għad-Dinja).

## 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☒ Proposta/inizjattiva **b'tul taż-żmien limitat**

– ☒ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31/12/2028

– ☒ L-impatt finanzjarju mill-2018 sal-2020 għall-approprjazzjonijiet ta' impenji u mill-2018 sal-2029 għall-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul taż-żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu għat-tnedija minn SSSS sa SSSS,

– u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[13]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għad iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☒ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Se tiġi stabbilita entità ġuridika ġdida - iddedikata esklussivament għall-implimentazzjoni tal-PRIMA. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-inizjattiva se tingħata permezz ta' din l-istruttura. |

13 Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Arranġamenti ta' superviżjoni standard, adottati mid-DĠ RTD għal inizjattivi skont l-Artikolu 185 tat-TFUE li se japplikaw b'mod ugwali għall-Programm Konġunt tal-PRIMA.

Ir-responsabbiltajiet tas-Servizzi tal-Kummissjoni u dawk tal-Istruttura Speċifika ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (PRIMA-IS) u tal-Istati Parteċipanti se jiġu definiti fl-att bażiku u fil-ftehim ta' delega.

Il-PRIMA-IS se tkun soġġetta għal valutazzjoni *ex-ante* skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju qabel jiġi ffirmat il-ftehim ta' delega. Il-PRIMA-IS tipprovdi rappurtar annwali komprensiv inkluż l-opinjonijiet tal-awdituri u dikjarazzjoni ta' ġestjoni u hija responsabbli mill-kontroll *ex-ante* tal-infiq tal-azzjonijiet indiretti kollha ffinanzjati mill-PRIMA-IS.

Barra minn hekk, kif meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju, l-Istati Parteċipanti se jkollhom jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati fi żmien xieraq u mhux aktar tard mill-iffirmar tal-Ftehim ta' Delega mill-Kummissjoni.

L-Istati Parteċipanti se jiddeterminaw il-kostijiet tal-attivitajiet tagħhom skont il-prattiki tal-kontabilità u l-istandards tal-kontabilità normali tal-Istati Parteċipanti kkonċernati u skont Standards Internazzjonali tal-Kontabilità/Standards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju. Dawn jinkludu ċertifikati ta' awditi u dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

Il-Kummissjoni hija osservatur fil-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-PRIMA-IS u tivverifika u tapprova l-Pjan ta' Ħidma Annwali (AWP) u pjanijiet tal-baġit relatati permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni u r-rapportur annwali. Jekk il-kontijiet ma jistgħux jiġu aċċettati għandha tittieħed azzjoni ta' segwitu sabiex jittaffa kwalunkwe riskju finanzjarju u ta' reputazzjoni għall-Kummissjoni. Fejn meħtieġ, il-ħlasijiet lill-PRIMA-IS jiġu sospiżi u/jew irkuprati, jekk meħtieġ billi jintużaw il-garanziji finanzjarji mogħtija mill-Istati Parteċipanti. Jekk il-passi kollha t'hawn fuq ma jkunux adegwati biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew biex jiżguraw li l-objettivi tal-politika jintlaħqu kif xieraq, wara konsiderazzjoni xierqa, jista' jitwettaq awditu tal-PRIMA-IS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi jekk meħtieġ li tissospendi l-implimentazzjoni jew tittermina l-Ftehim ta' Delega.

L-implimentazzjoni tal-PRIMA se tiġi mmonitorjata permezz ta' rapporti annwali. Dawn jinkludu ħarsa ddettaljata lejn l-attivitajiet tal-PRIMA f'paragun mal-pjan ta' ħidma strateġiku pluriennali u l-pjan ta' ħidma annwali, kif ukoll il-progress lejn l-objettivi u indikaturi aġġornati elenkati fil-punt 1.4.4.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

1) Il-kapaċità tal-PRIMA-IS biex timmaniġġja l-kontribuzzjoni tal-UE u biex tipproteġi l-interess finanzjarju tal-UE

2) Il-kapaċità tal-Istati Parteċipanti biex jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-programm

| |
|---|
| 3) Impenn importanti bil-quddiem tal-UE fl-2020 |

*2.2.2. Tagħrif li jikkonċerna l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern*

Ir-riskju 1 – ara l-punt 2.1

Ir-riskju 2 – il-kontribuzzjoni tal-UE se tiġi rilaxxata b'mod partikolari skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-att bażiku u fil-ftehim ta' delega. Mekkaniżmu ta' terminazzjoni, tnaqqis jew sospensjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni huwa previst ukoll fl-att bażiku (Art. 9).

Ir-riskju 3 – L-att bażiku jipprevedi l-possibbiltà li jittermina, inaqqas jew jissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE jekk l-impenji tal-SP ma jiġux issodisfati fi żmien xieraq, u l-baġit jiġi allokat mill-ġdid għal inizjattivi oħra fl-2020.

*2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

L-Art. 10 tal-att bażiku jipprovdi għal verifiki *ex-post* tan-nefqa fuq azzjonijiet indiretti li għandhom jitwettqu skont ir-regoli tal-Orizzont 2020. Il-kostijiet tas-sistema ta' kontroll huma parti min-nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-PRIMA. Is-sistema se tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli u tikseb ġestjoni adegwata tar-riskji identifikati.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

L-att bażiku jipprovdi sett ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet, b'mod partikolari:

L-Art. 11 tal-att bażiku jistabbilixxi fost l-oħrajn li l-PRIMA-IS għandha tagħti aċċess għall-informazzjoni u għall-post tan-negozju meħtieġa biex il-Kummissjoni tikkontrolla, tevalwa u twettaq awditi dwar l-implimentazzjoni tal-PRIMA jew biex l-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet.

L-Art. 4 tal-att bażiku jistabbilixxi fost l-oħrajn li l-kontribuzzjoni tal-UE għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-PRIMA tkun konformi mar-rekwiżiti tar-rapportur stabbiliti fl-Art. 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Skont l-Art. 9, il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas jew tissospendi l-kontribuzzjoni tagħha.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Intestatura 1a - Il-Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi | Diff./Mhux diff[14]. | minn pajjiżi tal-EFTA[15] | minn pajjiżi kandidati[16] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1A | 05.090301 – Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijoloġika | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 1A | 08.020302 – Titjib fis-sikurezza tal-ikel, l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli, ir-riċerka tal-baħar u marittima, u l-bijoekonomija | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 1A | 08.020305 - Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 1A | 08.020201 – Tmexxija fin-nanoteknoloġiji, il-materjali avvanzati, il-bijoteknoloġija u l-manifattura u l-ipproċessar avvanzati | Diff. | IVA | IVA | IVA | IVA |

14 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
15 L-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. .
16 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta' **spreadsheet dwar id-data tal-baġit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness għal din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u mtella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | Intestatura 1a - Il-Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi |
|---|---|---|

| DĠ: AGRI/H, RTD/F, RTD/I, RTD/D | | | Sena **2018**[17] | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021-2029** | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| 08.020302 | Impenji | (1) | 5.000 | 5.000 | 40.000 | | **50.000** |
| | Pagamenti | (2) | 1.000 | 2.500 | 2.500 | 44.000 | **50.000** |
| 08.020305 | Impenji | (1a) | 7.500 | 7.500 | 60.000 | | **75.000** |
| | Pagamenti | (2a) | 1.500 | 3.750 | 3.750 | 66.000 | **75.000** |
| 08.020201 | Impenji | (1b) | 2.500 | 2.500 | 20.000 | | **25.000** |
| | Pagamenti | (2b) | 500 | 1.250 | 1.250 | 22.000 | **25.000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ RTD** | Impenji | =1+1a +1b | 15.000 | 15.000 | 120.000 | | **150.000** |
| | Pagamenti | =2+2a +2b | 3.000 | 7.500 | 7.500 | 132.000 | **150.000** |

[17] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 05.090301 | Impenji | (1c) | 5.000 | 5.000 | 40.000 | | **50.000** |
| | Pagamenti | (2c) | 1.000 | 2.500 | 2.500 | 44.000 | **50.000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ AGRI** | Impenji | =1c | 5.000 | 5.000 | 40.000 | | **50.000** |
| | Pagamenti | =2c | 1.000 | 2.500 | 2.500 | 44.000 | **50.000** |

| | | | Sena **2018**[18] | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021-2029** | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 20.000 | 20.000 | 160.000 | | **200.000** |
| | Pagamenti | (5) | 4.000 | 10.000 | 10.000 | 176.000 | **200.000** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (08 01 05) | | (6) | 0.222 | 0.226 | 0.230 | | **0.678** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 1a** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 20.222 | 20.226 | 160.230 | | **200.678** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 4.222 | 10.226 | 10.230 | 176.000 | **200.678** |

[18] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021-2029** | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: RTD | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0.204 | 0.208 | 0.212 | | **0.624** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.018 | 0.018 | 0. 018 | | **0.054** |
| **TOTAL tad-DĠ RTD** | Approprjazzjonijiet | 0.222 | 0.226 | 0.230 | | **0.678** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 1A "Nefqa amministrattiva"** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0.222 | 0.226 | 0.230 | | **0.678** |

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **2018**[19] | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021-2029** | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 20.222 | 20.226 | 160.230 | | **200.678** |
| | Pagamenti | 4.222 | 10.226 | 10.230 | 176.000 | **200.678** |

19 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Indika l-objettivi u r-riżultati ⇩** | | | **Sena 2019** | | **Sena 2020** | | **Sena 2021** | | **Sena 2022** | | **Sena 2023** | | **Sena 2024** | | **Sena 2025** | | **TOTALI** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | **RIŻULTATI** |
| | **Tip**[20] | **Kost medju** | **Nru** | **Kost** | **Nru** | **Kost** | **Nru** | **Kost** | **Nru** | **Kost** | **Nru** | **Kost** | **Nru** | **Kost** | **Nru** | **Kost** | **Numru Totali** | **Kost Totali** |
| **OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1**[21]**…** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **- Riżultat** | **Proġetti ta' Dimostrazzjoni** | | **3** | **20.000** | **3** | **20.000** | **3** | **20.000** | **4** | **30.000** | **4** | **30.000** | **6** | **40.000** | **6** | **40.000** | **29** | **200.000** |
| **OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **- Riżultat** | **Il-proġetti tar-R&Ż**** | | **15** | **20.000** | **15** | **20.000** | **15** | **20.000** | **20** | **30.000** | **20** | **30.000** | **30** | **40.000** | **30** | **40.000** | **145** | **200.000** |
| **KOST TOTALI** | | | **18** | **40.000** | **18** | **40.000** | **19** | **55.000** | **24** | **65.000** | **24** | **65.000** | **36** | **67.500** | **36** | **67.500** | **175** | **400.000** |

*** Kontribuzzjoni tal-UE użata għal 10 proġetti ta' dimostrazzjoni b'kost medju ta' EUR 10 sa 15-il miljun u 20 pilota b'kost medju ta' EUR 2.5 miljun għal kull proġett..**

**** Kontribuzzjoni tal-SP użata għal proġetti b'kost medju ta' EUR 1 sa 1.5 miljun**

[20] Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li se jiġu fornuti (eż.: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[21] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/ċi ..."

### *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

#### 3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021-2029** | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5** **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | |
| **Subtotal INTESTATURA 5** **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | |
| **Barra INTESTATURA 5**[22] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.204 | 0.208 | 0.212 | | **0.624** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0.018 | 0.018 | 0.018 | | **0.054** |
| **Subtotal barra INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0.222 | 0.226 | 0.230 | | **0.678** |
| **TOTALI** | 0.222 | 0.226 | 0.230 | | **0.678** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

[22] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

### 3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time*

| | | | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** |
|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | |
| 08 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | |
| 08 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | |
| 08 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | 1 | 1 | 1 |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unitajiet Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)**[23] | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | |
| **XX** 01 04 **ss**[24] | - fil-kwartieri ġenerali | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | | |
| **08** 01 05 02 (CA, SNE, INT — Riċerka indiretta) | | | 1 | 1 | 1 |
| 10 01 05 02 (CA, SNE, INT — Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| **TOTALI** | | | **2** | **2** | **2** |

[23] CA = Aġent Kuntrattwali; LA = Aġent Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal mill-aġenziji ("Intérimaire"); JED = "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet).

[24] Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

**XX** huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band’oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ xi allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Uffiċjali u aġenti kuntrattwali<br>Ir-riżorsi umani tat-taqsima 8.2.1 huma kkalkulati b’kost medju ta’ EUR 134,000 għal kull uffiċjal u EUR 70,000 għal kull aġent kuntrattwali u jiżdiedu bi 2% fis-sena.<br>Il-ħidmiet prinċipali li joħorġu mill-azzjoni se jkunu:<br>Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-kumitat tal-PRIMA u fil-laqgħat tal-Kunsill għar-Riċerka tal-PRIMA bħala membru, +/- 3-4 darbiet laqgħat ta’ jumejn/sena<br>Osservatur fl-evalwazzjonijiet tal-proposti tal-PRIMA, 2-3 ijiem fis-sena<br>Parteċipazzjoni f’laqgħat ta’ ħidma u avvenimenti ta’ tixrid, 2-3 darbiet fis-sena<br>In-negozjati u t-tħejjija tal-ftehim mal-PRIMA-IS<br>Il-preparazzjoni tad-deċiżjoni finanzjarja annwali u l-pagamenti relatati<br>L-approvazzjoni tal-pjan ta’ ħidma annwali<br>Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni abbażi tar-rapporti annwali, u l-koordinazzjoni tal-evalwazzjonijiet ta’ nofs it-terminu u finali<br>L-awditjar finanzjarju u legali tal-implimentazzjoni tal-PRIMA |
| Persunal estern | |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☒ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta’ flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega dak li hemm bżonn, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Il-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.

– ☒ Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f’miljuni ta’ EUR (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021** | Sena **2022** | | | Sena **2023** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji tal-Istati Parteċipanti tal-PRIMA | 20.000 | 20.000 | 20.000 | 30.000 | 30.000 | 40.000 | 40.000 | 200.000 |
| TOTAL ta’ approprjazzjonijiet kofinanzjati | 20.000 | 20.000 | 20.000 | 30.000 | 30.000 | 40.000 | 40.000 | 200.000 |

### 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| Linja tad-dħul baġitarju: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | L-impatt tal-proposta/inizjattiva[25] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja(i) tan-nefqa baġitarja affettwati.

| |
|---|
| |

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

25 Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż ta' ġbir.